# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TNEJN U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 3 ta' Mejju, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |

Uffiċjal Preżenti: Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

Udjenza : 0

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti nru. 21
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Jum l-Isla
(4) Għażla għal ġieh l-Isla
(5) Żewġ Rikonoxximenti
(6) Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2006
(7) Approvazzjoni Rapport Finanzjarju 2005/2006
(8) Budget għas-sena 2006/2007
(9) Żamma tal-Latrini
(10) Riżoluzzjonijiet Kumitat Finanzi
(11) Approvazzjoni u iffirmar ta' pagamenti

## 22 (1) Approvazzjoni tal-Minuti nru. 21

Billi il-minuti ġew imqassma minn qabel dawn ġew meħuda bħala li nqraw.

22 (1) 1 Korrezzjoni f'minuta 21 (2) 4 Ħlas u Dħul mill-LES, tielet paragrafu.

Imressqa mis-Sindku Joseph Casha.

Flok il-kelma 'jara' tidħol il-kelma 'jaffetwa' u wara il-kelma fil-Kunsill jiżdied dan il-kliem li ġej: 'u fil-futur jista' jkun hemm problema finanzjarja.'

22 (1) 2 Addenda f'minuta 21 (6) + Jum l-Isla, kif imressqa mis-Sindku Joseph Casha. Kopja preżentata u mehmuża.

22 (1) 3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar u issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood il-Kunsill approva nem com dawn il-minuti kif emendati.

## 22 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta tagħrif tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill (Nr. 21)

22.(2) 1 **Business Plan AVEC (20 ta' April 2006)**

Saret laqgħa fil-Kunsill tal-Birgu għas-Sindki u is-Segretarji Eżekuttivi tat-tlett ibliet. F'din il-laqgħa ġew diskussi il-punti ewlenin li kellhom jiffurmaw il-bażi ta' dan il-business plan (kopja mehmuża)

Billi għal din il-laqgħa is-Sindku Joe Scerri (Bormla) ma kienx preżenti, huwa ġie konsultat qabel dawn il-punti ġew mibgħuta lill-amministrazzjoni ta' l-AVEC.

22.(2) 2 **Laqgħa Pubblika Annwali (21 ta' April 2006)**

F'din il-laqgħa pubblika ġew preżentati ir-rapport Amministrattiv 2005/2006 u ir-rapport Finanzjarju 2005/2006 kif wkoll il-kummenti mressqa mill-pubbliku. L-attendenza kienet fqira. (Rapport mehmuż)

22.(2) 3 **Laqgħa mel-Kuntratturi Pada Builders (26 ta' April 2006)**

Ġie diskuss ix-xogħol li kellu jitkompla u dwar ix-xogħol imwettaq fi Triq San Ġużepp. Infatti sar il-qbil li parti minn Triq San Ġużepp, minn fejn il-Kunsill sa Triq San Lawrenz ser terġa tinqala u tingħata resurfacing.

Rigward ix-xogħol fi Triq iż-Żewġ Mini huwa ippjanat li jibda' bil-bdil ta' katusi ta' l-ilma ġodda minn Triq il-Kunċizzjoni sa fejn San Filippu. Jitkompla billi jsir il-pavimentar bil-ħsieb li dan jitkompla minn San Filippu sal-Gardjola u Triq il-Ponta.

22.(2).4 **Żjara qasira minn uffiċjali ta' Kunsilli Taljani (3 ta' Mejju 2006)**

Is-sinjura Roberta Crepaldi mill-Comune di Venezia u is-Sindku ta' Cona Anna Barto infurmawna bit-telephone li kienu Malta fuq Cruise u xtaqu jiltaqgħu magħna.

Huma iltaqgħu magħna l-ewwel darba waqt żjara li is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv għamlu ġewwa Cassino fl-okkażżjoni ta' l-anniversarju tal-belt f'Marzu 2004.

Huma ġew imdawra bid-dagħjsa mal-Port il-Kbir mill-Viċi Sindku Walter Ahar. Huma telqu sagħtejn wara minħabba li kellhom ikunu fuq il-vapur f'12.00pm.

22 (2) 5 **Ground tal-Football** **(3 ta' Mejju 2006)**

Is-Sindku Joseph Casha għamel kuntatt mal-Perit Mintoff dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għal dan il-proġett. Skond il-perit din l-applikazzjoni hija meqjusa bħala Major Project.

F'dak il-ħin stess il-Perit ċempel lill- Melvien Camilleri, il-perit inkarigat minn dan il-proġett biex jiġi identifikat il-proċess tat-talba tal-Kunsill.

Ġie suġġerit lill-Kunsill li jagħmel applikazzjoni mill-ġdid bit-taraġ jibqa' kif inhu.

22 (2) 6 **Patrol tal-Warden** **(3 ta' Mejju 2006)**

Ġie innutat li għal ħabta tal-11.30am kien hemm karrozza tal-Warden wieqfa bil-wardens ġo fiha f'Dawret ix-Xatt eżattament taħt il-bini tal-Gvern ftit il-fuq mill-Madonna fil-Grotta. Dawn damu wieqfa ftit ħin sewwa.

Il-Kunsill kiteb ittra biex jiġi imfisser x'kien qed jagħmlu il-wardens wieqfa f'post imwarrab (kopja mehmuża)

22 (2) 7 **Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata il-korrispondenza mibgħuta u rċevuta bejn it-18 ta' April 2006 u it-3 ta' Mejju 2006.

04/0782/06/I <u>Qualicities – Dipartiment għal Gvern Lokali</u>

Il-Kunsill sejjer jibgħat tagħrif dwar il-parteċipazzjoni tiegħu f'dan il-proġett kif mitlub mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

04/0791/06/I <u>Computer Courses – Offerta TCTC</u>

Din il-kumpanija qed toffri Beginners Courses għal kull min huwa interessat fil-lokal. Is-sehem tal-Kunsill jkun jammonta għal Lm475. Deċiżjoni aktar il-quddiem.

04/0794/06/I <u>Rapport LES</u>

L-uffiċjal awtorizzat bagħat rapport tad-dħul u ħruġ mill-LES.

04/04/0798/06/I Talba għal bozoz fi Triq San Ġużepp u is-Sally Port.

04/0799/06/O Il-Kunsill approva din it-talba li saret mill-Viċi Sindku Walter Ahar.

04/0810/06/I Sindku mill-Olanda fuq żjara privata.

W.L. Liebenerth, Sindku ta' Baarn sejjer ikun Malta fuq żjara privata bejn id-9 u il-15 ta' Lulju 2006. Is-Sindku sejjer jiltaqa miegħu fuq xewqa ta' l-istess Sindku minn Baarn.

04/0814/06/I Tender Street Lighting – Kumitat Konġunt.

Il-Kunsill ġie mitlub biex jikkonferma dan it-tender li huwa bi sħab mal-Kumitat Konġunt.

04/0815/06/I Video Maltese Canadian Tv Show.

Is-sur Camilleri informa lill-Kunsill li huma ma jistgħux iħallsu is-somma mitluba għax huma jaħdmu b'mod volontarju. Il-ħsieb huwa li jkabbru il-patrimonju fost l-emigranti Maltin fil-Canada.

04/0826/06/I Tagħrif fuq id-dmirijiet tal-ħaddiema ta' l-IPSL

Wara diskussjoni il-Kunsill kien tal-fehma li jinforma lid-direttur għal Kunsilli Lokali bil-proposta tal-Kunsill dwar il-ħinijiet tax-xogħol. Dawn huma 6.00am – 2.00pm

04/0827/06/I Qualicities – Konferenza Pezenas 4 – 5th May 2006

Il-Kunsill qabel li ma jipparteċipax f'din il-konferenza minħabba nuqqas ta' fondi u finanzi.

04/0834/06/I Laqgħa Liason Officer – Pulizija

04/0834/06/I Użu tas-Sala – Coffee Morning Grupp Gwardjola

Il-Kunsill approva din it-talba għal coffee morning fis-17 ta' Mejju 2006.

04/0849/06/I Konferenza Nazzjonali G.W.U. Youths (8 ta' Lulju 2006)

Il-Kunsill ġie mistieden biex jibgħat parteċipant żgħażugħ għal din il-konferenza.

04/0851/06/I Korsijiet ta' l-Ingliż Bażiku mid-Diviżjoni Edukazzjoni.

Il-Kunsill lest li joffri is-Sala u l-użu tal-photocopy. Qabel li l-applikazzjoni tinġabar mill-Kunsill.

Ser issir laqgħa apposta nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2006 fis-sala Despott il-Furjana.

04/0852/06/I Binja Santa Katerina Triq il-Ponta.

Id-direttur tal-kostruzzjoni u manutenzjoni tad-djar informa lill-Kunsill li għadda it-talba tal-Kunsill lid-Direttur ta' l-Estate Managment.

04/0854/06/I Bankijiet – VRP
04/0869/06/I

Il-VRP informa lill-Kunsill li għandu 5 bankijiet ta' l-injam u 5 tal-ħadid. Meta jrid il-Kunsill segħta joħodhom.

04/0868/06/I Ilmenti Nuqqasijiet Sistema LES

Wara talba li saret mill-Uffiċjal Awtorizzat għall-ilmenti, is-Sindku Joseph Casha talab lill-Kunsill biex jgħaddi l-kummenti tiegħu sat-12 ta' Mejju 2006.

04/0872/06/I European Conference in Suitable Cities and Towns (Seville)

Din il-konferenza sejjra issir fil-21 – 25 ta' Mejju 2007.

Il-Kunsill huwa mistieden li jipparteċipa. Reġistrazzjoni trid issir sa Lulju 2006. Dettalji aktar tard.

04/0873/06/I Kors tat-Taljan fil-Kunsill (Tfal)

Is-Soċjeta' Dante Alighieri lesta li torganizza taħriġ fl-ilsien Taljan matul is-Sajf.

04/0877/06/I Herman Bonaci Production

Il-Kunsill laqa l-offerta biex jiġi organnizat programm informattiv fuq Super One Tv dwar irħula u bliet Maltin.

Ġie infurmat biex isir kuntatt.

04/0828/06/I Senglea Bażiliċi Highlighted

Il-Kunsill ġie infurmat li Granada Television Ltd. sejjra tiġbed xi xeni fl-Isla għal programm turistiku fl-Ingilterra. (22 ta' Mejju – 19 ta' Ġunju 2006)

Il-Kunsill qabel li jagħti in-no objection tiegħu u li jingħata donazzjoni.

04/0879/06/I Użu tas-sala – Kevin Cumbo ( Ġunju 2006)

Il-Kunsill approva it-talba għal użu tas-sala tal-Kunsill nhar is-16 ta' Ġunju 2006

04/0889/06/I Talba ta' Opri tal-Baħar fuq il-moll għat-tiswija.

Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni fuq din it-talba minn Mark Kisson minħabba li qiegħed jikkonsulta ma l-Awtorita' tal-Baħar.

04/0897/06/I Sponsor ta' Sett ta' Trophies

Il-Kunsill laqgħa it-talba ta' Duncan Bezzina għal sponsor ta' sett trophies għal kompetizzjoni li ser tiġi organizzata fl-aħħar ta' Mejju,

Talba għal Reserved Parking ( Dr. V S. Zammit)

Il-Kunsill laqgħa it-talba għal reserved parking space limited fi Pjazza 4 ta' Settembru quddiem il-klinika tiegħu għal raġunijiet umanitarji.

Il-Kunsill qabel li dan ir-Reserved Parking speċjali tiġi biswit u jiġi limitat għal waqt il-ħinijiet tal-klinika.

Mistoqsijiet bil-miktub mill-Kunsillier Charmaine Gerada

Is-Sindku Joseph Casha qara ħames mistoqsijiet imressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada. Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsillier li dawn il-mistoqsijiet jinħtieġu tagħrif mis-Segretarju Eżekuttiv, u jien ser nitlob lis-Segretarju jipprepara dak li hemm mitlub mill-Kunsilliera Charmaine Gerada. Wara ser nagħmel il-kummenti tiegħi.

## 22 (3) Jum l-Isla

L-aħħar draft tal-programm ta' attivitajiet f'Jum l-Isla ġie approvat (kopja mehmuża). Is-Sindku Joseph Casha appella għal parteċipazzjoni tal-Kunsilliera fl-attivitajiet mħejja b'mod speċjali dawk ta' filgħaxija.

22 (3) 1 Aktar tard il-Kunsill għadda riżoluzzjoni għal approvazzjoni dwar il-finanzjament parzjali ta' dawn l-attivitajiet. (Ref: Riż. 2/2006)

## 22 (4) Għażla għal ġieh l-Isla.

Il-Kunsill reġa ikkonferma li Chiara Siracusa sejra tingħata ġieh l-Isla. Dan kien qbil unanimu.

## 22 (5) Żewġ Rikonoxximenti

Għal dan ir-rikonoxximent il-Kunsill kellu għal kunsidrazzjoni ħames nominazzjonijiet għal rikonoxximent ta' ħidma.

Dawn kienu Alfred Caruana (Banda La Vincitrice), Salvu Grech u Emanuel Cassar mill-Kunsill u Frans Dingli flimkien ma Reno Chircop mis-Senglea Regatta Club.

22 (5).1 Il-Kunsillier Reno Chircop irrifjuta in-nomina tiegħu minħabba l-etika għax huwa kunsillier f'dan il-Kunsill. Huwa stqarr li ma kienx jaf b'din in-nomina.

22 (5).2 Il-Kunsillier Charmaine Gerada kienet tal-fehma li ir-rikonoxximent għandu jingħata lil kull min applika permezz ta' ċertifikat.

22 (5) 3 Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jingħata lill-tlieta mill-erba' nominati : lill-Salvu Grech għal ħidma tiegħu biex iwassal il-patrimonju storiku fil-Belt Sengleana, lill-Emanuel Cassar għal ħidma tiegħu bħala bandist għal żmien twil u membru fil-kumitat tas-soċjeta' La Vincitrice u lill-Frans Dingli bħala bniedem li serva fuq bażi volontarja f'diversi kumitati ta' għaqdiet lokali.

22 (5) 4 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar u il-Kunsillier Charmaine Gerada, il-Kunsill approva dawn it-tlett persuni għal rikonoxximent.

## 22 (6) Rapport Finanzjarju (Jannar – Marzu 2006)

Dan ir-rapport tressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ġie mfisser mill-accountant tal-Kunsill li wieġbet għal mistoqsijiet li saru minn diversi kunsilliera.

22 (6) 1 Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva unanimament ir-rapport kif preżentat (kopja mehmuża).

## 22 (7) Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2005/2006

Dan ir-rapport tressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li l-accountant wieġbet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera, il-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno

Chircop, ippropona biex dan ir-rapport jiġi approvat kif preżentat. Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport (kopja mehmuża).

## 22 (8) Budget għas-sena 2006/2007

Wara li l-accountant tal-Kunsill wieġbet għal mistoqsijiet imressqa mill-Kunsilliera dan ir-rapport tressaq għall-approvazzjoni. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva unanimament dan il-budget għas-sena 2006/2007 (kopja mehmuża)

22 (8) 1 Business Plan 2006 -2008

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva unanimament dan il-Business Plan tal-Kunsill.

## 22 (9) Żamma tal-latrini

Latrini fi Pjazza Juan B. Azopardi – kien hemm talba informali mill-Għaqda Senglea Gunners biex jieħdu ħsieb dawn il-latrini bla ħlas, bil-kundizzjoni li jarmaw xi mwejjed fil-pjazza. Ma kienx hemm talba formali oħra sakemm saret din il-laqgħa tal-Kunsill.

22 (9) 1 Żamma ta' latrini tal-Ponta u tal-Gardjola

Għaż-żamma tal-latrini tal-Ponta kien hemm erba' kwotazjonijiet. Is-Sindku qal li l-aħjar ħaġa hija li nħallu din id-deċiżjoni aktar tard biex il-Kunsill jkun jista' jieħu parir kif għandu jqis il-kwotazzjoni mogħtija mis-Senglea Regatta Club.

## 22 (10) Riżolużjonijiet

Il-Kunsill kellu żewġ riżolużżjonijiet għall-approvazzjoni nru. 2/2006 u 3/2006 (kopji mehmuża)

22 (10) 1 Fuq proposta tas-Sindku Joseph Casha , issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva unanimament in-nefqa ta' Lm450 biex jiġu issusidjati l-attivitajiet li hemm fil-programm ta' Jum l-Isla (2/2006)

22 (10) 2 Fuq proposta tas-Sindku Joseph Casha, issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva ix-xogħol ta' tibjid u tikħil f'diversi toroq għal ħlas ta' terz ta' dak li huwa ikkwotat mid-Diviżjoni tax-xogħolijiet tal-Gvern. Dan jammonta għal Lm340. (kopja mehmuża)

## 22 (11) Ħlas ta' Pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva il-ħlas ta' pagamenti (kopja mehmuża) għall-ammont ta' Lm9,766.85.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada kienet qed tastjeni milli tapprova dawn il-pagamenti billi għada ma ngħatatx tweġiba għal mistoqsijiet li għamlet bil-miktub.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fid-9.55pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv